Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2275

Kaz Numru 2757/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Av Dr. Anika Psaila Savona

U

CHI Ltd (C 26080)

Dwar allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju u u allegazzjoni ta' tkeccija ingusta.

Illum 3 ta' Marzu 2014

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghut lit-Tribunal Industrijali datata 25 ta' Frar 2010 mill-Avukat Dr. Andrew Borg Cardona fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali .

Dr.Anika Psaila Savona kienet assistita mill-Avukat Dr. Borg Cardona u ghall-Kumpanija intimata deher Tony Potter assistit minn Dr. Karl Briffa.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellanta iddikjarat li hija kienet ingaggata bhala Legal Counsel u tifforma parti mis-senior executve team u il-kuntratt ta' ingagg kien ta' konsulenza pero fil-verita il-kutratt ta' ingagg kien

ta; impjieg. Ukoll it-tkeccija kien principalment minhabba t-tqala taghha.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li l-appellanta kellha relazzjoni ta' ghoti ta' servizzi professjonali u ix-xoghol taghha gie terminat minhabba ragunijiet validi fil-kuntratt. Ukoll mhiwiex minnu li x-xogholl tagha gie terminat minhabba li kienet qed tistenna tarbija b'hekk ma kienx hemm ebda diskriminazzjoni.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehedet Dr. Anika Psaila Savona fejn ipprezentat dikjarazzjoni u diversi dokumenti. Spjegat illi minn full time employment tawha kuntratt ta' consultant pero kellu l-elementi kollha ta' kuntratt ta' impjieg.

Xehed Tony Potter li huwa ic-chief executive officer fejn qal li l-intenzjoni tal-kumpanija kienet dejjem li jingagga lill-appellanta fuq consultancy agreement u fil-fatt gie iffirmat ftehiem f'dan is-sens. Kienu wassli fi ftehiewm billi kellha tahdem hamsa u ghoxrin siegha ta' xoghol u jekk tahdem aktar kellha tithallas zejjed. Ukoll il-kwistjoni tal-leave kienet ghar-raguni li l-kumpanija kellha bzonn tkun taf meta kienet tkun xoghol u l-availability taghha.

Rega xehed Tony Potter f'seduata ohra fejn innega li qatt qalilha li ser jingaggaha bhala impjegata wara li jghaddi ftit zmien. Li qal huwa li jekk il-ftehiem ta' konsulenza ma jahdimx ser ibiddel il-ftehiem. Ukoll il-fatt li kien approva leave carried forward kien sabiex jissodisfar-ikjesti tal-appellanta. Jghid ukoll illi l-appellanta kellha car allowance kif ukoll tithallas tal-mobile bills u l-istess xhud ighid li accetta dawn il-kundizzjonijiet sabiex jissodisfa lill-appellanta. Dan japplika ukoll ghal bonus u ghaz-zidiet tal-COLA. L-istess punt jghodd ukoll ghal discount card u hi kienet thallas is-social insuranc conributions taghha. Jikkonkludi li ma kienx hem engagement form meta bdiet tahdem bhala konsulent ma CHI.

Xehedet Elizabeth Bartolo li tahdem bhala personal assistant ta' Tony Potter fejn stqarret li kienet tircievi leave form tal-appellanta sabiex tghaddieha lill-Tony Potter

Xehed il-CFO tal-Corinthia Group, Paul Bugeja fejn qal li l-appellanta kella sieghat regolari ta ' hamsa u ghoxrin siegha fil-gimgha. Jghid illi ma kienx involut fin-nogozjati u l-anqaa ma kien ikollu konversazzjnijiet maghha. Spjega ukoll id-diversi allowences l ikienu inkluzi fil-pakkett finanzjarju taghha.

Xehed Alfred Pisani li huwa Chairman tal-kumpanija pubblika. Jikkonferma illi fis-sena 2007 l-appellanta giet biex tirrizenja. Ma jiftakarx jekk dahal f'xi commitment mal-appellanta pero zgur jiftakar li halla f'idejn Joe Fenech u Tony Potter.

Xehedet Dr. Anika Psaila Savona fil-3 ta' Ottubru 2011 fejn qalet li kellha impjieg full time u kien hem ftehiem li tahdem reduced hours.. Bir-reduced hours damet tahdem sentejn. Wara certu zmien offriet ir-rizenja tieghi ghax xorta kienet qieghda nahdem sieghat twal. Wara kien hemm laqgha mas-sur Pisani fejn giet offruta part-time xoghol bis-salarju imnaqqsa u xorta kienet lesta tahdem sieghat aktar basta tithallas ta' dan ix-xoghol.

L-istess xhud regghet xehedet fil-16 ta' Jannar 2011 fejn qalet li minflok il-kuntratt ta' xoghol li kienet ftehmet mas-sur Pisani giet pprezentata kuntratt ta' konsulenza. Sabiex ma taqlax problemi u ghax beda jghaddi iz-zmien u ghax kienet imwieghda minn Toy Potter illi dan huwa biss temporanju hi accettat

Xehed Joseph Fenech li huwa l-managing director fejn xehed illi Dr. Anika Psaila Savona bdiet ix-xoghol taghha b'kuntrtt ta' xoghol mal-Corinthia Palace Hotel Company Limited. Stqarr illi minhabba l-problemi ta' sahha ta' ommha kien gie acctettat li hi tahdem part-time pero dejjem kien hem il-bzonn ta' full time avukat.. Meta l-Corinthia bdiet tikber sostanzjalment kellhom jirrivedu is-sitwazzjoni tax-xoghol taghha.

It-Tribunal gie pprezentat affidavit u it-Tribunal ha konjizzjoni ta' dan l-affidavit.

Xehed Dr. Joseph J Vella fejn spjega li Dr. Psaila Savona dahlet tahdem fil-grupp ghax kellhom bzonn Avukat in house. Wara certu zmien il-committment zied u Dr. Psaila Savona talbet li tahdem reduced working hours. Minhabba li x-xoghol zdiet Dr. Psaila Savona

intalbet li tahdem full time. L-istess Dr. Psailal Savona irrifjutat. Ghalhekk kien gie redatt kuntratt ta' konsulenza.Huwa minnu qal ix-xhud li Dr. Psaila Savona zammet l-allowences ossia fringe benefts ta' impjegat pero il-ftehiem kien car li kien wiehed ta' konsulenza. Ix-xhud qal li hekk kif spicca il-kuntratt ta' konsulenza ix-xoghol taghha spicca u dan minkejja li kienet qieghda titlob li jkollha xoghol full-time employment contract.

Rega xehed Dr. Vella in kontro-ezami fejn qal li.kien hemm disgwit bejn Dr. Psaila Savona u l-management minhabba l-impenn taghha u l-hinijiet tax-xoghol. Tant hu hekk li ma accettajtx l-kariga ta' Legal director. Mr. Tony Potter inghata l-parir minghand l-avulat Vella stess li jaghtieha kuntratt ta' konsulenza.

Xehed Simon Naudi li huwa l-CEO ta' Corintia Hotels International fejn qal li ma kienx involut fid-diskussjonijiet dwar il-kuntratt ta' Dr. Psaila Savona.

Xehedet Dr. Psaila Savona in kontro-ezami fejn qalet li hija kienet irrizenjat. Qalet ukoll illi kellhom jiffirmaw kuntratt ta' impjieg pero giet rinfaccata b'kuntratt ta' konsulenza u hi insistiet li jitnizzel li hija tibbenfika bil-beneficcji bhal senior executives ohrajn. Ukoll kienet fdat lill-Tony Potter meta qalla afdani ghax wara li ikollok kuntratt ta' impjieg.

Xehed Paul Bugeja Chief Financial Officer fejn qal li Dr. Psaila Savone kienet tithallas bl-invoices u kienet tibghat zewg nvoices wiehed bir-retainer fee u l-iehor bis-sieghat zejda li kienet tahdem. Ix-xhud dahal fil-kwistjoni tal-beneficcji pero qal li dawk kienu miftehma u kien ihallas ghaliehom.

Rega xehed Tony Potter in kontro-ezami fejn qal li Dr. Psaila Savone kienet giet offruta kuntratt ta' xoghol definit bil-part-time pero ma kienx hemm xejn konkluz. Qal ukoll illi kien hemm diversi problemi u ma setghux jasslu ghall-ftheiem. Accetta li qal li meta l-affarijiet jikkalmaw jerga jikkonsidera is-sitwazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet**

Tribunal irid jara dan il-kaz fl-isfond tal-ewwel zewg eccezzjonieit li qajmet is-socjeta intimata. Jirizulta car b'mohh it-Tribunal illi l-kuntratt li gie iffirmaat huwa kuntratt ta' konsulenza. Minkejja li fih diversi aspetti li jistghu jezistu f'kuntratt ta' impjieg dan ma jxejjen xejn l-ispirtu u l-mod kif gie irrifmat il-kuntratt. Tant hu hekk li l-partijiet accettaw il-kundizzjoni li jghid li xejn f'dan l-ftehiem ghandu jinftiehem li dan hu kuntratt ta' impjig. Bis-sahha ta' din il-klawsula il-kundizzjonijiet l-ohra setghu jigu negozjati bhal dawk indikati fil-e mail datat 13 ta' Lulju 200. Mhuwiex gust li dan il-kuntratt ta' konsulenza jinftiehem li kien hemm l-intenzjoni li huwa kuntratt ta' impjieg. Il-wedgha ossia kumment ta-Sur Potter sabiex wiehed jara x'ser jigi wara li l-affarijiet jikkalmaw ma hux l-anqas hi wedgha li ser ikun hemm kuntratt ta' impjieg jew xi wedgha li l-affarijiet ser jitbiddlu.

It-Tribunal huwa konvint li dn il-ftehiem li huwa l-bazi tat-talba f'din il-kawza huwa kuntrat tta' konsulenza u mhux kuntratt ta' impjieg.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddeciiedi billi jlqa l-eccezzjoni preliminarja tas-socjeta CHI Limited billi jiddikjara illi dan it-Tribunal mhux kompetenti li jisma' dan il-kaz minhabba l-fatt li r-relazzjoni bejn l-appellanat u l-s-socjeta appellata hija wahda ta' konsulenza u mhux ta' impjieg

Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan ir-rikors bl-ispejjes jigu sopportati mill-alleppanta.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euros (euros 93).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(iffirmat)
AvvMartin Fenech
Chairman Tribunal Industrijali

VERA KOPJA
TRIBUNAL INDUSTRIJALI